CCT/39/22/S

Sergio u Sharon Darmanin

vs

Frank Borda Ltd

Illum 22 ta' Ġunju,2023.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Sergio u Sharon Darmanin ippreżentata fil-11 ta' Marzu, 2022, u r-risposta tas-soċjeta Frank Borda Ltd ippreżentata fid-9 ta' Novembru 2022.

Ra id-dokumenti ppreżentati u sema' lill-partijiet kif ukoll ix-xhieda imressqa kif ukoll it-trattazzjoni magħmula fis-seduta tal-25 ta' Mejju, 2023.

Ikkunsidra,

Illi fi ftit kliem, din il-pendenza tirrigwarda *twin tub* illi skont ir-rikorrenti konjuġi Darmanin ma bdietx taħdem għal xi tlitt darbiet, u għal dawn it-tlitt darbiet kellu jiġi mgħajjat it-*technician* tas-soċjeta' intimata. Min-naħa tagħha, is-soċjeta' intimata irribadiet illi l-allegati ilmenti tal-konjiġi Darmanin kien riżultat ta' użu ħażin tal-istess *twin tub*.

Illi jingħad mill-ewwel illi il-kummerċjant għandu l-obligu li jgħati dak ordnat mingħajr difetti u tal-kwalita' pattwita.

Illi l-obligu tal-prova jinkombi dejjem lil min jallega u dan skont l-Artiklu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif

ukoll kif deċiż minn sentenzi tal-Qrati tagħna fosthom dik mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (150/05SM) fid-19 ta' Jannar 2011, fl-ismijiet "Martin Degabriele vs Melanie Borg".

Illi dan it-Tribunal jagħmel riferenza għal DOK SD1 li tikkonsisti f'ittra mibgħuta mill-*Managing Director* tas-soċjeta' intimata u datata 5 ta' Frar 2022, fejn hemm it-*timeline* ta' kif u meta saru l-ilmenti u x'kien sar warajhom. Għalhekk jingħad f'din l-ittra (li ma ġietx kontestata) illi ir-rikorrenti konjuġi Darmanin ċemplu fl-21 ta' Ġunju, 2021 kważi xaharejn wara li xtraw it-*twin tub* u t-*technician* mibgħut mis-soċjeta' intimata sab kalzetta ġewwa l-istess *twin tub* u għalhekk skont l-istess soċjeta' intimate, dan kien użu ħażin tal-istess magna. Fl-4 ta' Ottubru 2021 sar ilment ieħor u ġie stabbilit li l-mutur kien bil-ħsara u dan ġie mibdul. Xahar wara u cioe' fl-4 ta' Novembru, 2021 kien hemm ilment ieħor u is-soċjeta intimata sewwiet l-*spin lid*, għalkemm skont l-istess soċjeta' intimata il-partijiet tal-*plastic* ma kienux koperti bil-garanzija.

Illi fil-5 ta' Jannar,2022 sar ilment ieħor li kien jgħid illi it-*twin tub* ma baqgħatx taħdem u li anki kien hemm xi duħħan ħiereġ minnha. It-*technician* sab illi il-*plastic drum* kien imkisser. F'din l-ittra saret enfasi biex jiġi moqri il-*manual* ta' kif ghandha tintuża l-imsemmija *twin tub*.

Illi it-Tribunal iħoss illi ir-rikorrenti ma rnexxielhom jippruvaw li l-imsemmija *twin tub* kienet difettuża u aktarx hu verosimili kif argumentat is-soċjeta' intimata, hu cioe li dan kien kaz ta' użu mhux eżatt ta' kif għandha tintuża l-imsemmija magna.

Illi min-naħa l-oħra, is-soċjeta' intimata kienet obligat ruħa illi tbiddel id-*drum* tal-istess *twin tub*, u għalhekk għandha tagħmel dan mill-aktar fis ħalli il-magna tkun tista' tintuża' mir-rikorrenti.

Illi mill-provi irrizulta li s-soċjeta' intimata dejjem onorat l-obligi tagħha qua bejjiegħ ta' prodott, filwaqt illi kwalunkwe xogħol u kull darba li t-*technician* mar biex jeżamina it-*twin tub*, dan sar mingħajr ħlas.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad t-talba ta' Sergio u Sharon Darmanin u filwaqt li jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' intimata Frank Borda Ltd, b'dan illi Jordna lis-soċjeta' Frank Borda Ltd biex tbiddel id-*drum* tal-imsemmija *twin tub* hekk kif obligat tagħmel skont l-ittra datata 5 ta' Frar 2022 u dan fi żmien xahar mil-lum, b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru